# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 89/2020 BS**

**The Performing Right Society Limited**

**-vs-**

**Malta Globe Music Ltd**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Stefan sive Steve Vassallo għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi The Performing Right Society Limited illi ppremetta:**

ILLI s-soċjetà rikkorrenti hija kostitwita u tiffunzjona internazzjonalment, inkluż f'Malta sa mill-1986, bħala organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ossia '*collecting society*', fl-ambitu tal-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur ossia '*copyright*' u hija debitament awtorizzata sabiex topera bħal tali f'Malta mill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur, u dan skond deċiżjoni tal-istess Bord tal-15 ta' Frar 2007, debitament ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dokument A**';

ILLI fit-3 ta' Ottubru 2019, is-soċjetà rikorrenti ħarġet liċenzja numru P200597 favur is-soċjetà konvenuta, u li permezz ta' liema s-soċjetà rikorrenti awtorizzat il-wirjiet pubbliċi mis-soċjetà konvenuta ta' mużika tutelata bid-dritt tal-awtur fi ħdan ir-ripertorju tas-soċjetà rikorrenti kif ukoll tas-soċjetaijiet affiljata magħha, u dan skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-imsemmija liċenzja, li qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dokument B**';

ILLI speċifikament, il-wirja pubblika ta' mużika awtorizzata ai termini tal-imsemmija liċenzja kienet il-kunċert 'Il Volo in Malta' li ttella' fl-MFCC, ta'Qali, nhar is-19 ta' Lulju 2019, kif jirriżulta mid-'**Dokument C u D'** hawn annessi;

ILLI in kunsiderazzjoni tal-ħruġ tal-fuq imsemmija liċenzja, kellhom jitħallsu lis-soċjetà rikorrenti drittijiet ossia '*royalties*' fl-ammont ekwivalenti għal sitta fil-mija (6%) tal-irċevuti tad-dħul ossia '*admission receipts*' mill-kunċert fuq riferit, oltre l-V.A.T., u dan skond it-Tariffa applikabbi tas-soċjetà rikorrenti, hekk kif awtorizzata mill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dokument E**';

ILLI in vjolazzjoni tal-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-imsemmija liċenzja u t-termini tat-Tariffa Dokument E, is-soċjetà konvenuta ma pprovdietx lis-soċjetà rikorrenti l-informazzjoni kollha meħtieġa, partikularment informazzjoni dwar l-irċevuti tad-dħul ossia '*admission receipts*', sabiex din tal-aħħar tkun tista tiddetermina d-dritt relevanti;

ILLI sussegwentement, is-soċjetà rikorrenti ma setgħetx toħroġ l-fattura relattiva, u dan minkejja li din tal-aħħar ġiet ripetutament interpellata sabiex tipprovdi din l-informazzjoni, saħansitra b'ittra uffijali nru 185/2020 datat 22 ta' Mejju 2020, li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dokument F**';

ILLI stante li s-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti, kellha issir din il-kawża.

**Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tillikwida ammont rappreżentanti *royalties* li s-soċjetà konvenuta sejra jew tista' tiġi mġiegħla tħallas minħabba l-inottemperanza tal-istess soċjetà konvenuta mal-obbligi tagħha ai termini tat-Tariffa applikabbli u tal-liċenzja numru P200597;

2. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas is-somma hekk kif likwidata ai termini tat-talba preċedenti;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali surreferita tat-22 ta' Mejju 2020, Nru 185/2020, (Dokument F), u tas-sekwestru kawtelatorju li qed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, u bl-inġunzjoni tas-soċjeta' intimata minn issa in subizzjoni.

Daqstant għandha x'tissottometti s-soċjetà esponenti għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' Amabile Zammit għan-nom tas-soċjetà konvenuta Malta Globe Music Ltd illi wieġeb:**

1. ILLI fl-ewwel lok jirriżulta li dina l-kawża hija waħda intempestiva u dana stante li anke a bażi tat-talbiet tar-rikorrenti stess jirriżulta li t-talbiet tagħhom kellhom jinħadmu a bażi ta' persentaġġi minn bejgħ, liema bejgħ qatt ma ġie kwantifikat mir-rikorrenti u għalhekk it-talbiet tagħha huma totalment mingħajr ebda bażi;

2. Illi fit-tieni lok, jirriżulta illi il-mod ta' kif qiegħda tinterpreta l-liġi l-istess rikorrenti huwa totalment żbaljat u li għalhekk l-ammont mitlub assolutament li ma jirriżultax;

3. Illi fit-tielet lok, jirriżulta wkoll li l-istess rikorrenti qiegħda taħdem b'mod totalment arbitrarju u li l-artisti li allegatament qiegħda tirrapreżenta l-istess rikorrenti ma humiex kuntenti bil-mod ta' kif qed iggestixxi l-attività tagħha r-rikorrenti stess;

4. Illi fir-raba' lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, joħrog fiċ-ċar illi l-istess talbiet huma totalment esaġerati, mingħajr ebda bażi la fil-

liġi u anqas fil-fatt u li ma jirriżultaw minn imkien u għalhekk l-ammont mitlub ma huwiex dovut;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

**Il-Qorti**

Fliet l-atti kollha fl-intier tagħhom.

**Ikkunsidrat.**

**i) Preliminari**

Permezz ta' din il-kawża s-soċjeta attriċi qed titlob lil Qorti sabiex tillikwida l-ammont dovut lilha minn għand is-socjeta konvenuta. L-ammont li qed tippretendi s-soċjeta attriċi jirrapreżenta "royalties" ekwivalenti għal 6% tad-dhul mill-kunċert li kien ittella l-MFCC fid-19 ta' Lulju, 2019 wara li kienet inħarġet liċenzja lis-soċjeta konvenuta fit-3 ta' Ottubru, 2019 bin-numru P200597 sabiex dan il-kunċert iseħħ. Is-soċjeta attriċi tgħid li s-somma dovut lilha trid tinkludi l-VAT skond it-tariffa applikabbli lis-soċjeta konvenuta. Tgħid ukoll li l-konvenuta ma bagħtitx l-informazzjoni meħtieġa sabiex l-attriċi tkun tista tikkwantifika s-somma dovuta u dan bi ksur tal-pattijiet li kellhom bejniethom il-partijiet. Tgħid ukoll li l-konvenuta baqgħet inadempjenti minkejja interpellazzjoni anke permezz ta' ittra uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 Liġijiet ta' Malta.

Is-soċjeta konvenuta minn naħħa tagħha tilqa' għat-talbiet attriċi billi sostni li l-ħlas dovut minnha kellu jinħadem bħala persentaġġ tal-bejgh ta' biljetti għal kunċert liema kalkoli ma sarux mis-soċjeta attriċi. Tgħid li l-attriċi ma hix qed tinterpreta l-liġi kif imiss u fi kwalsiasi każ l-ammont mitlub huwa esaġerat.

**Ikkunsidrat.**

Il-Qorti tibda sabiex tinnota li fis-seduta ta' l-20 Mejju, 2022[1] l-abbli difensur tal-konvenuta iddikjara li ġia la darba t-talba tas-soċjeta attriċi hija għal likwidazzjoni ta' l-ammont dovut allura l-ammont jirriżulta li ma hux ċert, likwidu u dovut u għalhekk il-konvenuta qed tipprotesta ruħha għall-ħlas ta l-imgħax.

Il-Qorti tibda biex tosserva li apparti l-fatt illi s-soċjeta attrici fit-talba tagħha ma għamlet l-ebda talba għal ħlas ta' imgħax, id-dikjarazzjoni tal-konvenuta ma tfisser xejn għajr li fil-prinċipju l-konvenuta ma hix tiċħad illi hija debitriċi tas-soċjeta attriċi. Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni l-Qorti fliet l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta u tqis li in vista tad-dikjarazzjoni msemmija, ma hemmx lok li tinoltra ruħha dwar l-istess eċċezzjonijiet.

In oltre` din il-Qorti fliet l-atti sew u tinnota li fis-seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2022 il-konvenuta ddikjarat li ma għandhiex provi xi tressaq u kienet qed tistrieh fuq il-provi ġia miġbura. Dan ifisser li l-konvenuta ma ressqet ebda prova in kontestazzjoni tal-fatti kif esposti mill-attriċi. Jirriżulta għalhekk fatt mhux kontestat li l-konvenuta ma għaddietx l-informazzjoni kollha meħtieġa[2] lis-soċjeta attriċi, sabiex din tkun tista toħroġ l-ammont dovut lilha minn għand il-konvenuta. Huwa dan in-nuqqas illi wassal lill-attriċi sabiex tiftaħ il-kawża odjerna li permezz tagħha qed titlob lill-Qorti sabiex tillikwida Hi l-ammont dovut lilha.

Ġia la darba is-soċjeta konvenuta strieħet fuq il-provi miġbura imiss lil din il-Qorti tistabilixxi x'inhu l-ammont dovut minnha. Mix-xhieda ta' Joshua Ellul[3] jirriżulta mhux kontestat illi il-valur tal-biljetti mibjugħa għal kunċert kien jammonta għal € 104,128.00. Dan għalhekk ifisser illi d-dritt dovut jammonta għal € 5935.30.[4]

Skond it-tariffa ġenerali ippubblikata fil-gazzetta tal-Gvern u li kopja tagħha tinsab in atti[5] mad-dritt dovut jrid jiżdied il-VAT ta' 18% ammontanti għal € 1068.35[6], li magħduda mad-dritt dovut jġib is-somma dovuta mill-konvenuta għal € 7003.65.

---

[1] Verbal tas-seduta ta' 'l-20 ta Mejju, 2022.
[2] Skond it-tariffa generali a fol 61 et seq tal-process
[3] Seduta 25 ta GUnju, 2021, a fol 83 tal-process
[4] €104,128.00 x5% (VAT imhallsa) = €5206.4. Dan l-ammont irid jitnaqqas mill-prezz totali u ai termini tat-tariffa generali a fol 12 tal-process li jgib l-valur tal-bejgh ghal €98,921.6 x 6% = €5935.30
[5] A fol 61 tal-process
[6] 18% ta l-ammont dovut bhala dritt

Rigward it-talba tas-soċjeta attriċi sabiex il-konvenuta tħallas l-ispejjeż legali kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-22 ta Mejju, 2020 u tas-sekwestru kawtelatorju, il-Qorti tirrileva li l-attriċi naqset milli tippreżenta kopja legali tas-sekwestru minnha msemmi għalkemm ippreżentat kopja ta' l-ittra uffiċjali u għalhekk it-talba tagħha ser tintalqa limitatament għal ispejjeż ta' l-ittra uffiċjali.

**Deċide**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għal motivi ġia espressi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi :

a) Tillikwida l-ammont rappreżentanti *royalties* dovuti mis-soċjetà konvenuta lis-socjeta attrici fis-somma ta' sebat elef u tliet ewro u ħamsa u sittin ċenteżmi (€7003.65);

b) Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas is-somma hekk kif likwidata u dan fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Tordna li l-ispejjeż ta` dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tat-22 ta Mejju, 2020, jitħallsu mis-soċjeta konvenuta.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur